Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBGĦA LEĠISLATURA 2017

SEDUTA NUMRU 67

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar il-Ħamis 7 ta' Frar 2019

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Kien ukoll prezenti s-Sur Daniel Galea, l-Accountant tal-Kunsill

Kienu skuzati l-Viċi Sindku u L-Kunsillieri M. Bonello u M. Miceli minħabba raġunijiet ta' xogħol, il-Kunsillier M. Abela peress li kienet msiefra.

Din is-seduta bdiet fil-17.25

**Is- Sindku qal it-talba.**

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti ġew approvati mill-Kunsillier A. Curmi u ssekondati mill-Kunsillier T. Valentino.

**II PUNTI LI JOĦORGU MILL-MINUTI**

Il-Kunsillier A. Curmi ippreciza li l-pagamenti ta' Sur Hugh Zammit għandhom jkunu ta' €20.00 li jinkludi l-VAT. Dan il-punt ġie approvata mill-membri prezenti .

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet kienx hemm progress fuq it-talba għal laqgħa tal-Kunsill ma' Transport Malta fuq Traffic Management rigward Triq is-Slielem, il-ħrug mill-parking tal-Greens. Is Segretarju wieġeb li qed jistenna lill-Transport Malta jgħidulna meta jistgħu jiġu.

Il-Kunsillier T. Valentino tkellmet fuq l-arblu ta' l-Enemalta biswit l-Għassa tal-Pulizija fi Triq il-Keffa li qiegħed f'nofs il-bankina. Is-Segretarju wieġeb li Enemalta qalulu li ser iressquh 'il ġewwa.

Hija staqsiet ukoll kien hemm xi progress fuq Triq in-Nemes, li xi residenti qed jinsistu li hija privata. Is-Segretarju wieġeb li irid jara fejn ser jirriferi fuq din għax ma jafx.

Hi staqsiet jekk it-tabella tal-Berga hix ordnata, u s-Segretarju wieġeb li iva ordnata u l-Koptasin ser iwaħħluha ma' tabelli oħrajn meta jiġu fil-lokalita'.

Hija staqsiet hemmx xi pjan biex titranga Triq il-Mizura, u s-Sindku wieġeb li qiegħda mal -lista ta' Transport Malta.

Staqsiet ukoll hemmx xi ħjiel meta ser jibda x-xogħol fi Triq il-Pedadilwett. Is-Segretarju wieġeb li t-tender ser jingħata la darba l-bord japprova r-rikjesti tiegħu fuq l-epps.

**III PUNT MRESSAQ MIS-SINDKU**

Is-Sindku tkellem fuq is-sitwazzjoni fi Triq il-Ħemel, fejn spjega li l-Kunsill li l-proġett weħel minn naħa tal-Kuntrattur tal-Kunsill li ma riedx jagħmel is-servizzi tad-drenaġġ.

Tkellem ukoll fuq laqgħa li kellu mac-Chairman tal-Grupp Corinthia, fejn iddiskuta l-proġett tal-kumpanija tiegħu. Kien informat li l-Kunsill ta' Pembroke kellu jieħu s-somma ta' €100K fuq dan il-proġett.

Is-Sindku tkellem ukoll fuq ir-road markings u s-sinjali ta' Triq il-Gizimin, li wara ħafna taħbit saru mill-kuntrattur tal-Kunsill, izda ser jitħallsu mill- Infrastructure Malta.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

Is-Segretarju ressaq l-iskeda tal-Pagamenti nru.56 flimkien ma' rapport mill-Kunsillier A. Curmi (Anness A), li jinkludi kummenti fuq xi pagamenti, għal approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati minn dawk prezenti.

**Estimi Finanzjarji 2018 u Budget 2019**

Is-Segretarju introduca lis-Sur Daniel Galea, l-accountant tal-Kunsill, li ġie mistieden jattendi l-laqgħa sabiex jitkellem fuq l-Estimi Finanzjarji 2018 (Anness B) u l-Budget 2019 (Anness C).

Wara li s-Sur Galea spjega fid-dettall l-estimi kif ukoll kif inhadem flimkien mas-Segretarju il-Budget għas-sena 2019, u wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, il-Kunsill approva l-Financial Statements għas-sena 2018t u l-Budget ta' sena 2019.

**TENDERS**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta ħames tenders li għalqu jew ser jagħlqu fl-ewwel parti ta' din is-sena, u talab li l-Kunsill jiddiskuti dawn it-tenders wieħed wieħed. Dawn huma:

Street Sweeping u Upkeep li skada fl 2016

Servizz ta' Perit li ser jiskadi fl-ewwel gimgha ta Frar 2019

Servizz ta' Handyman li ser jiskadi f'April 2019

Servizz ta' Ġardinar li ser jiskadi f'April 2019

Servizz ta' sinjali u Tabelli li ser jiskadi f'Mejju

Is-Segretarju issugerixxa illi jinħargu dawn it-tenders u peress li l-elezzjoni tal-Kunsill ser issir f'Mejju li ġej, jekk irid il-Kunsill jagħmel rizoluzzjoni li jħalli d-deċizjoni għal dawn it-tenders f'idejn il-Kunsill il-ġdid.

Peress li beda jsir il-ħin is-Sindku informa li ma tantx jistgħu jiddiskutu dawn it-tenders issa, u talab lis-segretarju jibgħat il-proposti tiegħu b'email lil kull membru tal-Kunsill ħalli kulħadd jkollu ċans jevalwa sew sa seduta li jmiss, fejn tittieħed deċizjoni.

Din is-seduta ntemmet fit- 8.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 7 ta' Frar 2019 fil 17.30.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv